MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Avviz Numru. 500/2004

**Avviz numru 500/04 DM**

**George Muscat li jiggestixxi d-ditta Transtrav Services**

**Vs**

**Ashraf Sallam**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex dan jizgombra mill-hanut 106, Triq San Xmun, Bugibba fi zmien qasir u perentorju li jigi ffisat mill-Qorti stante morosita fil-hlas ta' kera kif anke jirrizulta mis-sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar tad-19 ta' Frar, 2004, numru 640/2002/1, kopja ta' liema sentenza hija esebita bhala dokument A u li ghaddiet ingudikat u dan prevja kul dikjarazzjoni mehtiega nkluz dik tat-terminazzjoni tal-kera, konta l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat deher fis-seduta ta' llum fejn ipprezenta bhala dokument AS skrittura originali bejnu u bejn l-attur permezz ta' liema l-kawza giet transatta u l-attur obbliga ruhu illi jcedi l-atti ta' din il-kawza.

Billi la l-attur u lanqas id-difensur tieghu ma deheru u billi l-konvenut talaba li jigi llibert mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 199 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghdha tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------